MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 105/2007

Noel u Marisa konjugi Bajada f'isimhom proprju u bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minuri Euchar Bajada

Vs

Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-atturi fis-27 ta' Settembru 2007, fejn ippremettew:

L-atturi huma l-genituri ta' Euchar Bajada li twieled fit-tmienja (8) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hamsa (2005).

Fl-att tat-twelid tal-minuri Euchar, isem l-attur huwa skorrett fis-sens li fil-kolonna Isem il-Wild, l-isem tieghu hu registrat bhala Eucar meta fil-fatt dan kellu jkun "Euchar".

Il-genituri tal-minuri dejjem riedu li isem il-minuri jkun "Euchar".

L-atturi jridu li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri fis-sens li l-isem "Eucar" jigi sostitwit bl-isem "Euchar".

Talbu ghalhekk l-atturi sabiex il-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-att tat-twelid numru mija u sebgha u tmenin (187) tas-sena elfejn u hamsa (2005) relattiv ghall-iben l-atturi Euchar, hu skorrett.
2. Tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid numru mija u sebgha u tmenin (187) tas-sena elfejn u hamsa (2005) relattiv ghat-twelid ta' iben l-atturi Euchar, billi kull fejn fl-imsemmi att jirrikorri l-isem "Eucar" jigi sostitwit bl-isem "Euchar".

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenut fit-23 ta' Ottubru 2007 (fol. 12) fejn iddikjara li ma joggezzjonax ghat-talba tal-atturi u peress li l-bdil ta' isem ma sarx wara xi zball tal-konvenut imma necessarju minhabba zball tal-atturi, ma ghandux ibati spejjez.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat:

1. Dak li ddikjaraw l-atturi m'huwiex kontradett, cjoe' li isem binhom ghandu jaqra "Euchar" u mhux "Eucar" kif gie registrat fl-att tat-twelid tal-minuri. Dan apparti l-fatt li l-konvenut m'huwiex joggezzjona ghat-talba tal-atturi. Fic-cirkostanzi t-talbiet tal-atturi huma gusifikati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi fis-sens:-

1. Tiddikjara li l-att tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni mija u sebgha u tmenin tas-sena elfejn u hames (187/2005) hu skorrett fis-sens li isem il-minuri ghandu jaqra "Euchar" u mhux "Eucar".

2. Tordna l-korrezzjoni fl-istess att tat-twelid fis-sens li fil-kolonna “Ismijiet Moghtijin” l-isem “Eucar” ghandu jigi sostitwit bl-isem “Euchar”, u fil-kolonna “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” l-isem “Eucar” ghandu jigi sostitwti bl-isem “Euchar”.

Fl-ahharnett tordna lir-Registratur sabiex tibghat kopja legali tas-sentenza lill-konvenut fit-terminu stipulat fl-Artikolu 256 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) sabiex tkun tista’ ssir il-korrezzjoni mitluba.

Spejjez jibqghu minghajr taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------